**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 980/2018 AF**

**Jan Karl Bondin u Carmen Farrugia**

**vs**

**Carmel Sciberras**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Jan Karl Bondin u Carmen Farrugia, li permezz tieghu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bl-isem Raymond Garage, Triq it-Turretta, Santa Venera liema fond jinsab sottopost ghall-fond proprjetà tal-intimat u cioè 18, Carrie House, Turretta Street, Santa Venera.

Ir-rikorrenti qeghdin isofru danni rizultanti minn perkolazzjoni u dhul ta' ilma fil-fond taghhom hawn fuq imsemmi derivanti mill-

fond sovrastanti proprjetà tal-intimat, oltre l-fatt li tali perkolazzjoni qed tippregudika l-istruttura taz-zewg fondi in kwistjoni.

In oltre l-imsemmija perkolazzjoni u dhul ta' ilma fil-fond tar-rikorrenti hu ta' dannu u ta' inkonvenjent kbir ghar-rikorrenti in kwantu ma jistghux jaghmlu uzu minn u jgawdu l-proprjetà taghhom b'mod shih.

Ghalkemm l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra legali datata ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena 2018 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), sabiex fl-ewwel lok iwaqqaf darba ghal dejjem il-perkolazzjoni u d-dhul tal-ilma mill-fond tal-intimat ghall-fond sottostanti prorpjetà tar-rikorrenti u fit-tieni lok sabiex iwettaq dawk ix-xogholijiet rimedjali kollha mehtiega fil-fond proprjetà tar-rikorrenti, l-intimati baqa' inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli ghall-hsara li rrizultat fil-fond hawn fuq imsemmi, proprjetà tar-rikorrenti, kif ukoll ghal kwalunkwe danni konsegwenzjali, u dan minhabba perkolazzjoni u dhul ta' ilma mill-fond sovrastanti proprjetà tal-intimati.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominadi.

3. Tikkundanna lill-intimat jhallas dawk id-danni li jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali mehtiega u necessarji fil-fond prorpjetà tar-rikorrenti u fil-fond proprjetà tal-intimat sabiex ir-rikorrenti ma jibqghux isofru danni rizultanti minn perkolazzjoni u dhul ta' ilma fil-fond proprjetà taghhom, u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju li fih

ghandhom jitwettqu tali xogholijiet, u fin-nuqqas li l-intimat jottempera ruhhu fiz-zmien stipulat, allura r-rikorrenti ghandhom ikunu awtorizzati li jesegwixxu huma stess ix-xogholijiet rimedjali mehtiega a spejjez tal-initmat.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel Sciberras li in forza taghha gie eccepit illi:

L-ewwel premess tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhuwiex kontestat.

Il-bqija tal-pretensjonijiet u allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi huma bbazati fuq premessi zbaljati u cioè illi l-allegat ingress tal-ilma qieghed jipperkola mill-fond tal-intimati u/jew illi l-allegat ingress tal-ilma hija xi haga taht il-kontroll tal-intimati u li tista' jew ghandha tigi rrimedjata minnhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Rat l-affidavit prodott.

Rat ir-rapport tal-Perit tekniku Godwin Abela minn din il-Qorti mahtur biex jirrelata dwar il-vertenza.

Semghet lill-intimat jixhed in kontro-ezami.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti dikjarazzjoni li hsarat li qieghed igarrab garage proprjetà taghhom huma responsabilità tal-intimat li huwa proprjetarju tal-fond sovrastanti. Jitolbu wkoll kundanna ghad-danni.

Jirrizulta illi l-prorpjetà tar-rikorrenti tinsab sottostanti dik tal-intimat. Jirrizulta illi din il-proprjetà qed jigu kawzati lilha danni minhabba perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-intimat. Ir-rikorrenti, fl-affidavit tieghu, jikkonferma:

*"Minn madwar sitt (6) snin ilu 'l hawn kont qed nara s-saqaf tal-garage vicin dan is-shaft jixxarrab u dan mhux biss meta taghmel ix-xita imma anki fis-sajf. Hafna drabi jkun hemm riha fis-shaft. Nghid li b'rizultat tat-tixrib tal-hjat tas-shaft l-erbat itwieqi tal-istess shaft li jinsabu fil-garage u li huma tal-hadid issaddu tant li ma jistghux jinghalqu u ghalhekk kelli nghalaq l-aperturi bl-injam anki sabiex ma tidholx riha fil-garage.*

*Dan l-ilma jidher li qed jidhol kemm mill-art tas-shaft fil-livell tal-appartament ta' Carmel Sciberras minhabba l-fatt li l-art mhix maghluqa sew u kif ukoll mill-katusi li jghaddu minn taht l-art tal-istess appartament u dan jispjega kif l-ilma jinzel fil-garage taghna mhux biss meta taghmel ix-xita imma anke fis-sajf."*

Ir-rikorrenti qatt ma gie kontro-ezaminat in relazzjoni ma' dan l-affidavit.

L-Art. 1031 et seq. tal-Kap. 16 jipprovdu testwalment illi:

*"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser*

*xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Il-perit tekniku mahtur minn din il-Qorti kkonstata kif gej:

*"4.01 Ma hemm ebda dubbju li s-saqaf tal-garaxx qed jixxarrab u t-tixrib gej mix-xaft sovvrastanti l-istess garaxx u dan jidher fir-ritratti numri 1, 2, 3 u 4 hawn fuq esibit.*

*4.02 Huwa ferm evidenti li t-tixrib gej mix-xaft sovvrastanti l-garaxx."*

Il-perit jikkonstata inoltre illi t-tiswijiet mehtiega huma s-segwenti:

*"5.01 In kwantu ghas-sistema tad-drenagg, din trid tigi zblukkata u x-xaft fil-livell tal-garaxx ghandu jitnaddaf u jigi dizinfettat b'mod effettiv li ma jibqghux l-irwejjah.*

*5.02 In kwantu ghall-art tax-xaft fil-livell tal-fond tal-konvenut, iridu jinqalghu l-pajpijiet kollha ghaddejjin minn fuqha, l-art trid tingab b'wicc lixx, titqieghed membrane fuqha bl-izgoxx gholi pied madwar il-perimetru kollu mbaghad jitpogga l-kontrabejt fuq. Wara jistghu jergghu jitqieghdu l-pajpijiet u l-katusi u t-toqob madwar il-katusi jitkahhlu sew u jigu trattati bil-liquid membrane.*

*5.03 In kwantu ghas-saqaf tal-garaxx, wara li jsiru x-xogholijiet rimedjali fiz-zewg xaftijiet, dan irid jinzebagh mill-gdid."*

Huwa jistima li l-ispiza tlahhaq komplessivament €1750.

Ir-rapport tal-perit tekniku ma gie kontrastat bl-ebda xhieda u l-perit lanqas ma ntalab jixhed in eskussjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi r-responsabilità ta' din il-hsara taqa' kompletament fuq l-intimat u ghandu jkun hu li jaghmel tajjeb ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda danni, ir-rikorrenti gab prova li, minbarra x-xogholijiet fil-binja kif kostati mill-perit, il-fond tieghu sofra hsara fit-twieqi u s-sistema elettriku, liema hsara tammonta ghal €750. Il-Qorti tqis li ta' dan ukoll ghandu jaghmel tajjeb l-intimat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tiddikjara li Carmel Sciberras huwa responsabbli ghall-hsara li rrizultat fil-fond Raymond Garage, Triq it-Turretta, Santa Venera;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' mija u hamsin Ewro (€750);

3. Tikkundanna lil Carmel Sciberras ihallas lil Jan Karl Bondin u Carmen Farrugia s-somma ta' seba' mija u hamsin Ewro (€750);

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lil Carmel Sciberras jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha fil-fond tieghu u f'dak tar-rikorrent kif elenkati mill-Perit Godwin Abela fir-rapport in atti. Dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru fi zmien tlett xhur mill-lum u jkunu sorveljati mill-Perit Godwin Abela li qieghed jinhatar ghal dan l-iskop. Fin-nuqqas ir-rikorrenti qeghdin jigu awtorizzati jesegwixxu x-xogholijiet huma stess a spejjez ta' Carmel Sciberras.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Carmel Sciberras.

IMHALLEF

DEP/REG